



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

22 ta' Diċembru 2022*

“Appell – Dritt istituzzjonali – Membri tal-Parlament Ewropew – Telf tal-kundizzjoni ta' eliġibbiltà wara kundanna kriminali – Tħabbir ta' siġġu vakanti ta' Membru tal-Parlament Ewropew – Talba sabiex tiġi adottata b'urġenza inizjattiva sabiex tiġi kkonfermata l-immunità ta' membru tal-Parlament Ewropew – Rikors għal annullament – Inammissibbiltà”

Fil-Kawża C-115/21 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-25 ta' Frar 2021,

Oriol Junqueras i Vies, residenti f'Sant Joan de Vilatorrada (Spanja), irrappreżentat minn M. Marsal i Ferret u A. Van den Eynde Adroer, abogados,

appellant,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn N. Görlitz u J.-C. Puffer, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

sostnut minn:

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn S. Centeno Huerta, bħala aġent,

intervenjent fl-appell,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, L. S. Rossi, J.-C. Bonichot (Relatur), S. Rodin u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tiegħu, Oriol Junqueras i Vies jitlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2020, Junqueras i Vies vs Il-Parlament (T-24/20, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”, EU:T:2020:601), li permezz tiegħu hija ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tiegħu intiż għall-annullament, minn naħa, tad-dikjarazzjoni li tħabbar li huwa vakanti s-siġġu tiegħu ta' Membru tal-Parlament Ewropew, magħmula mill-President tal-Parlament Ewropew f'seduta plenarja fit-13 ta' Jannar 2020 (iktar 'il quddiem id-“dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020”), u, min-naħa l-oħra, li tiġi miċħuda, u, min-naħa l-oħra, tal-allegata ċaħda minn dan tal-aħħar, tat-talba sabiex tiġi ttrattata bħala “kwestjoni ta' urġenza” il-konferma tal-immunità tiegħu, imressqa fl-20 ta' Diċembru 2019 minn Riba i Giner, Membru tal-Parlament Ewropew, abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament (iktar 'il quddiem id-“ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019”).

Il-kuntest ġuridiku

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet

- 2 Il-Kapitolu III tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattati UE u FUE (iktar 'il quddiem id-“Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet”), li jirrigwarda “ Membri tal-Parlament Ewropew”, fih b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' dan il-protokoll, li jipprovdi:

“Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament [...], il-membri tiegħu, għandhom igawdu:

- a) fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;
- b) fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.

L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament [...].

L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament [...] milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu. [...].”

L-Att Elettorali

- 3 L-Artikolu 6(2) tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU 1976, L 278, p. 1, iktar 'il quddiem l-“Att Elettorali fil-verżjoni inizjali tiegħu”, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom, tal-25 ta' Ġunju 2002 u tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 137, iktar 'il quddiem l-“Att Elettorali”), jipprevedi:

“Il-Membri tal-Parlament [...] jibbenefikaw minn privileġġi u immunitajiet li huma applikabbli għalihom bis-saħħa tal-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet].” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

- 4 L-Artikolu 7 tal-Att Elettorali jipprovdi:

“1. Il-kariga ta' Membru tal-Parlament [...] hija inkompatibbli ma' dik ta':

- membru tal-Gvern ta' Stat Membru,
- membru tal-Kummissjoni [Ewropea],
- Imħallef, Avukat Ġenerali jew Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali
- membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ċentrali Ewropew,
- membru tal-Qorti tal-Awdituri, [Ewropea],
- [M]edjatur [Ewropew],
- membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, [Ewropew],
- membru tal-Kumitat tar-Regġuni,
- membru ta' kumitati jew korpi maħluqa skont jew b'applikazzjoni tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika bil-għan li jamministra fondi Komunitarji jew li jaqdi kompitu permanenti u dirett ta' ġestjoni amministrattiva,
- membru tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni, tal-Bord tad-Diretturi jew impjegat tal-Bank Ewropew ta' Investiment,
- uffiċjal jew membru tal-persunal impjegat mill-istituzzjonijiet [tal-Unjoni Ewropea] jew tal-korpi jew organi marbuta magħhom jew tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Mill-elezzjonijiet tal-Parlament [...] fl-2004, il-kariga ta' Membru tal-Parlament [...] hija inkompatibbli ma' dik ta' membru ta' parlament nazzjonali.

[...]

3. Barra minn hekk, kull Stat Membru jista' jestendi l-inkompatibbiltajiet applikabbli fuq livell nazzjonali, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8. [...]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 Skont l-Artikolu 8 ta' dan l-att:

“Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att, il-proċedura elettorali għandha tkun irregolata f'kull Stat Membru fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu.

Dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jistgħu, jekk xieraq, jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika fl-Istati Membri, ma għandhomx jaffettwaw in-natura proporzjonali tas-sistema tal-votazzjoni.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 L-Artikolu 12 tal-imsemmi att huwa fformulat kif ġej:

“Il-Parlament [...] għandu jivverifika l-kredenzjali tal-membri tal-Parlament [...]. Għal dan il-għan għandu jieħu nota tar-riżultati pproklamati uffiċjalment mill-Istati Membri u għandu jiddeċiedi fuq il-kontestazzjonijiet li jistgħu possibbilment jitqajmu fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li huwa jirreferi għalihom.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 Skont l-Artikolu 13 tal-istess att:

“1. Siġġu jsir vakanti meta l-mandat ta' membru tal-Parlament [...] jispiċċa bħala riżultat ta' riżenja, mewt jew tneħħija ta' dak il-mandat.

2. Suġġett għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-att, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-proċeduri xierqa għall-mili ta' kwalunkwe siġġu li jispiċċa vojt matul it-terminu ta' ħames snin tal-uffiċċju li hemm referenza għalih f'Artikolu 3 għall-kumpliment ta' dak il-perijodu.

3. Meta l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi espressament għar-revoka tal-mandat ta' membru tal-Parlament [...], il-mandat tiegħu għandu jiskadi skont id-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġiżlazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinformaw lill-Parlament [...] b'dan.

4. Meta siġġu jsir vakanti minħabba riżenja jew mewt, il-President tal-Parlament [...] għandu jinforma b'dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Ir-Regoli tal-Proċedura

8 Taħt it-titolu “Verifika ta' kredenzjali”, l-Artikolu 3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament (iktar 'il quddiem ir-“Regoli tal-Proċedura”) jipprovdi:

“1. Wara l-elezzjonijiet ġenerali għall-Parlament [...], il-President għandu jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jgħaddu lill-Parlament mingħajr dewmien l-ismijiet tal-Membri eletti sabiex il-Membri kollha jkunu jistgħu jieħdu s-siġġijiet tagħhom fil-Parlament b'effett mill-ftuħ tal-ewwel seduta wara l-elezzjonijiet.

[...]

3. Abbażi ta' rapport magħmul mill-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu jivverifika l-kredenzjali mingħajr dewmien u jiddeċiedi dwar il-validità tal-mandat ta' kull wieħed mill-Membri tiegħu li jkunu għadhom kemm ġew eletti kif ukoll dwar kwalunkwe kontestazzjoni

skont id-dispożizzjonijiet tal-Att [Elettorali], għajr dawk li, skont dak l-Att, jaqgħu esklużivament taħt id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għalihom jirreferi dak l-Att.

[...]

6. Il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li kull informazzjoni li tista' taffettwa l-eliġibbiltà ta' xi Membru jew l-eliġibbiltà jew l-ordni tas-sostituti tintbagħat minnufih lill-Parlament mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew tal-Unjoni, b'indikazzjoni, fil-każ ta' haatra, tad-data tad-dħul fi-seħħ.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jagħtu bidu għal proċedura li tista' twassal għall-iskwalifika ta' Membru milli jieħu l-mandat, il-President [tal-Parlament] għandu jitlobhom biex iżommuh infurmat regolarment dwar l-istadju li fih tkun waslet il-proċedura. Huwa għandu jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli. Fuq proposta ta' dak il-kumitat, il-Parlament jista' jieħu pożizzjoni dwar il-kwistjoni.

[...]”

9 Skont l-Artikolu 4(2), (4) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura intitolat “Tul tal-mandat tal-Membri”:

“2. [...] Jekk il-kumitat responsabbli jqis li r-riżenja hija f'konformita' mal-Att [Elettorali] għandha tiġi ddikjarata l-eżistenza ta' post vakanti b'effett mid-data indikata mill-Membru li jkun qed jirriżenja id-dokument uffiċjali, u l-President għandu jgħarraf lill-Parlament dwar dan.

Jekk il-kumitat responsabbli jqis li r-riżenja ma tkunx konformi mal-Att [Elettorali] huwa għandu jipproponi lill-Parlament li ma jiddikjarax l-eżistenza ta' post vakanti.

[...]

4. Fejn jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew tal-Unjoni jew il-Membru kkonċernat jgħarrafu lill-President b'xi haatra jew elezzjoni għal kariga li tkun inkompatibbli mal-kariga ta' Membru tal-Parlament [...], fis-sens tal-Artikolu 7(1) jew (2) tal-[Att Elettorali], il-President għandu jinforma lill-Parlament b'dan, u l-Parlament għandu jiddikjara li jeżisti post vakanti mid-data tal-inkompatibbiltà.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jinnotifikaw lill-President bit-tmiem tal-mandat ta' Membru tal-Parlament [...] bħala riżultat jew ta' inkompatibbiltà addizzjonali stabbilita bil-liġi ta' dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 7(3) tal-Att [Elettorali] jew tal-irtirar tal-mandat tal-Membru skont l-Artikolu 13(3) ta' dak l-att, il-President għandu jgħarraf lill-Parlament li l-mandat ta' dak il-Membru spiċċa fid-data kkomunikata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Istat Membru. Fejn l-ebda tali data ma tiġi kkomunikata, id-data ta' tmiem il-mandat għandha tkun id-data tan-notifika minn dak l-Istat Membru.

[...]

7. Il-Parlament jista' jiddikjara li l-mandat li qed jiġi eżaminat huwa invalidu jew jista' jirrifjuta li jstabbilixxi l-eżistenza ta' post vakanti jekk l-aċċettazzjoni jew it-tmiem tal-mandat ikunu jidhru li huma bbażati fuq ineżattezzi materjali jew fuq vizzju tal-kunsens.”

10 L-Artikolu 5 tar-Regoli tal-Proċedura, intitolat “Privileġġi u immunitajiet”, jipprevedi:

“1. Il-Membri jgawdu l-privileġġi u l-immunitajiet stabbiliti fil-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet].”

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu rigward il-privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta’ dmirijiethom. L-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta’ Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu.

[...]”

11 L-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura, intitolat “Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità”, jipprovdi:

“1. Fil-każijiet fejn jiġi allegat li seħħ jew li jkun se jseħħ ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet ta’ Membru jew ex Membru mill-awtoritajiet ta’ Stat Membru, tista’ ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk seħħ ksur jew hux probabbli li se jseħħ ksur ta’ dawh il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 9(1).

2. B’mod partikolari, tali talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet tista’ ssir jekk jitqies li ċ-ċirkostanzi jkunu jikkostitwixxu restrizzjoni amministrattiva jew ta’ xorta oħra fuq il-moviment liberu ta’ Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-post tal-laqgħa tal-Parlament jew restrizzjoni amministrattiva jew ta’ xorta oħra fuq l-opinjoni espressa jew vot mixhūt fit-twettiq ta’ dmirijiethom, jew jekk iċ-ċirkostanzi jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 9 tal-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet].

[...]

5. F’każijiet fejn tkun ittiegħdet deċiżjoni li l-privileġġi u l-immunitajiet ta’ Membru ma jitħarsux, il-Membru eċċezzjonalment jista’ jagħmel talba għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni, billi jippreżenta evidenza ġdida skont l-Artikolu 9(1). It-talba għal eżami mill-ġdid m’għandhiex ammissibbli jekk ikunu nbdew proċedimenti kontra d-deċiżjoni skont l-Artikolu 263 tat-[TFUE], jew jekk il-President [tal-Parlament] iqis li l-evidenza l-ġdida preżentata ma tkunx suffiċjentement sostanzjali li titlob għal eżami mill-ġdid.”

12 L-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, intitolat “Azzjoni urġenti mill-President għall-asserzjoni tal-immunità”, huwa fformulat kif ġej:

“1. Bħala kwestjoni ta’ urġenza, meta jkun hemm ċirkostanzi li fihom jiġi arrestat Membru jew il-libertà tiegħu jew tagħha tal-moviment tkun tnaqqset f’dak li jkun jidher bħala ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru, il-President, wara li jikkonsulta mal-president [tal-Parlament] u mar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista’ jieħu inizjattiva għall-asserzjoni tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President [tal-Parlament] għandu jinnotifika lill-kumitat b’dik l-inizjattiva u jgħarraf lill-Parlament.

[...]”

13 L-Artikolu 9 tar-Regoli tal-Proċedura, intitolat “Proċeduri dwar l-immunità”, jipprovdi:

“1. Kwalunkwe talba indirizzata lill-President [tal-Parlament] minn awtorità kompetenti ta’ Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta’ xi Membru, jew minn Membru jew xi ex Membru għal ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tiġi riferuta lill-kumitat responsabbli.

2. Bil-qbil tal-Membru jew tal-ex Membru kkonċernat, it-talba tista’ ssir minn Membru ieħor, li għandu jitħalla jirrappreżenta lill-Membru jew lill-ex Membru kkonċernat fl-istadji kollha tal-proċedura.

[...]

3. Il-kumitat għandu jeżamina mingħajr dewmien, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet.

4. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija tal-immunità jew għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet. L-emendi m’għandhomx ikunu ammissibbli. Jekk proposta tiġi miċħuda, id-deċiżjoni kuntrarja għandha titqies li tkun ġiet adottata.

5. Il-kumitat jista’ jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista’ jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità ttneħha jew titħares.

6. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema’ u jista’ jippreżenta kwalunkwe dokument jew evidenza oħra bil-miktub li jħoss li huma rilevanti.

[...]

Il-President tal-Kumitat jistieden lill-Membru għal seduta, filwaqt li jindikalu d-data u l-ħin tiegħu. Il-membru kkonċernat jista’ jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jinstema’.

[...]

7. Jekk it-talba tfittex li tneħħi jew li tħares l-immunità għal aktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista’ tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista’, bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tapplika biss għal proċeduri ta’ prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta’ detenzjoni jew rimandar jew minn kull miżura oħra li ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.

8. Il-kumitat jista’ jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibbiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m’għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas m’għandu jippronunzja ruħu dwar jekk l-opinjoni jiet u l-atti attribwiti lill-Membru jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jeżamina t-talba, il-kumitat jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.

9. Il-proposta għal deċiżjoni tal-kumitat għandha titqiegħed fuq l-aġenda tal-ewwel seduta wara l-jum li fih ikun imqiegħed fuq il-Mejda. L-ebda emenda għal tali proposta ma tista' tiġi mqiegħda fuq il-Mejda.

[...]

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 173 [tar-Regoli tal-Proċedura], il-Membru li tiegħu l-privileġġi u l-immunitajiet ikunu qed jiġu eżaminati, m'għandux jieħu sehem fid-dibattitu.

Il-proposta jew proposti għal deċiżjoni li jinsabu fir-rapport għandu jittieħed vot fuqhom fl-ewwel ħin tal-votazzjonijiet wara d-dibattitu.

Wara li l-Parlament ikun eżamina l-każ, għandu jittieħed votazzjoni separata fuq kull waħda mill-proposti li jinsabu fir-rapport. Jekk proposta tiġi miċħuda, jitqies li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni kuntrarja.

10. Il-President [tal-Parlament] għandu jikkomunika minnufih id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Membru kkonċernat u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, b'talba li l-President jinżamm infurmat dwar żviluppi u sentenzi ġudizzjarji mogħtija fil-proċedimenti rilevanti. Meta l-President jirċievi l-informazzjoni għandu jgħaddiha lill-Parlament bil-mod li huwa jaħseb li jkun xieraq, u jekk ikun meħtieġ wara li jkun ikkonsulta l-kumitat responsabbli.

11. Il-kumitat għandu jittratta dawn l-affarijiet u juża d-dokumenti li jkun irċieva bl-akbar kunfidenzjalità. Il-kumitat għandu dejjem jeżamina t-talbiet relatati mal-proċeduri dwar l-immunità bil-magħluq.

12. Il-Parlament għandu jeżamina biss talbiet biex titneħħa l-immunità ta' xi Membru li jkunu ġew trażmessi lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew mir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri.

[...]

14. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti għandha tiġi eżaminata skont ir-regoli t'hawn fuq."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 14 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 15 sa 31 tad-digriet appellat u jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.
- 15 O. Junqueras Vies, kien il-Viċi President tal-Gobierno autonómico de Cataluña (il-Gvern Awtonomu ta' Cataluña, Spanja) meta ġiet adottata l-Ley 19/2017 del Parlamento de Cataluña, reguladora del referéndum de autodeterminación (il-Liġi 19/2017 tal-Parlament ta' Cataluña li Tirregola r-Referendum tal-Awtodeterminazzjoni) tas-6 ta' Settembru 2017 (DOGC Nru 7449A tas-6 ta' Settembru 2017, p. 1), u l-Ley 20/2017 del Parlamento de Cataluña de transitoriedad jurídica y fundacional de la República (il-Liġi 20/2017 tal-Parlament ta' Cataluña li Tirrigwarda t-Tranżizzjoni Ġuridika u li Tikkostitwixxi r-Repubblika) tat-8 ta' Settembru 2017 (DOGC Nru 7451A tat-8 ta' Settembru 2017, p. 1), kif ukoll meta, fl-1 ta' Ottubru 2017, sar ir-referendum

- ta' awtodeterminazzjoni previst mill-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ liġijiet, li d-dispożizzjonijiet tagħha kienu, fil-frattemp, ġew sospiżi b'deċiżjoni tat-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali, Spanja).
- 16 Wara l-adozzjoni tal-imsemmija liġijiet u ż-żamma tal-imsemmi referendum, il-Ministerio fiscal (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, Spanja), l-Abogado del Estado (l-Avukat tal-Istat, Spanja) u l-Partido político VOX (il-Partit Politiku VOX) bdew proċedura kriminali kontra numru ta' persuni, fosthom O. Junqueras Vies, billi qiesu li dawn kienu hađu sehem fi proċess ta' seċessjoni u wettqu r-reati kriminali ta' "ribelljoni" jew ta' "sedizzjoni", ta' "diżobbidjenza" u ta' "miżapproprjazzjoni ta' fondi".
 - 17 O. Junqueras i Vies tqiegħed taħt detenzjoni provviżorja matul il-fażi istrutturja ta' din il-proċedura kriminali, skont deċiżjoni adottata fit-2 ta' Novembru 2017 abbażi tal-Artikolu 503 tal-Ley de Enjuiciamiento Criminal (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, Spanja).
 - 18 Matul il-fażi ta' prosekuzzjoni tal-imsemmija proċedura kriminali, l-appellant ippreżenta ruħu bħala kandidat għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li saru fis-26 ta' Mejju 2019 u huwa ġie elett Membru tal-Parlament Ewropew, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Junta Electoral Central ((il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, Spanja) tat-13 ta' Ġunju 2019 dwar il-"Proklamazzjoni tal-Membri Eletti tal-Parlament Ewropew fl-Elezzjonijiet li saru fis-26 ta' Mejju 2019" (BOE Nru 142 tal-14 ta' Ġunju 2019, p. 62477), adottata konformement mal-Artikolu 224(1) tal-Ley orgánica 5/1985, de Régimen Electoral General (il-Liġi Organika 5/1985, li Tirrigwarda s-Sistema Elettorali Ġenerali), tad-19 ta' Ġunju 1985 (BOE Nru 147, tal-20 ta' Ġunju 1985, p. 19110, iktar 'il quddiem il-"Liġi Elettorali Spanjola"). F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali barra minn hekk ipproċediet, għall-għoti lill-persuni eletti, inkluż l-appellant, tas-siġġijiet li għandu r-Renju ta' Spanja fil-Parlament.
 - 19 Permezz ta' digriet tal-14 ta' Ġunju 2019, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) ċaħdet it-talba tal-appellant intiża sabiex jingħata awtorizzazzjoni straordinarja ta' ħruġ mill-ħabs, taħt sorveljanza tal-pulizija, sabiex tippermettilu jippreżenta ruħu quddiem il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali sabiex jieħu l-ġurament jew iwiegħed li josserva l-Kostituzzjoni Spanjola kif rikjest mill-Artikolu 224(2) tal-Liġi Elettorali Spanjola.
 - 20 Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali kkonstatat li l-appellant ma kienx ħa dan il-ġurament jew ta din il-wegħda u, konformement mal-Artikolu 224(2) tal-Liġi Elettorali Spanjola, iddikjarat vakanti s-siġġu mogħti lill-appellant fil-Parlament Ewropew kif ukoll is-sospensjoni tal-prerogattivi kollha li seta' kellu dritt għalihom minħabba l-funzjonijiet tiegħu.
 - 21 L-appellant ippreżenta, quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) rikors kontra d-digriet imsemmi fil-punt 19 ta' din is-sentenza, billi huwa pprevalixxa ruħu mill-immunitajiet previsti fl-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet.
 - 22 Fl-1 ta' Lulju 2019, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115).
 - 23 Fit-2 ta' Lulju 2019, il-President tal-Parlament fetaħ, fl-assenza ta' O. Junqueras i Vies, l-ewwel sessjoni tal-leġiżlatura wara l-elezzjonijiet tal-Parlament organizzati fis-26 ta' Mejju 2019.

- 24 Fl-4 ta' Lulju 2019, Riba i Giner, membru tal-Parlament Ewropew, talbet, fisem O. Junqueras i Vies, lill-President tal-Parlament jieħu miżuri urġenti, abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex tiġi kkonfermata l-immunità tal-appellant.
- 25 Fit-22 ta' Awwissu 2019, il-President tal-Parlament ċaħad din it-talba.
- 26 Permezz ta' sentenza tal-14 ta' Ottubru 2019, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) ikkundannat lil O. Junqueras i Vies, minn naħa, għal tlettax-il sena ta' ċaħda tal-libertà, min-naħa l-oħra, għal piena ta' tlettax-il sena ta' inkapaċità assoluta li twassal għat-telf definittiv tal-karigi u tal-funzjonijiet pubbliċi kollha tiegħu, inklużi elettorali, kif ukoll l-impossibbiltà li jikseb jew li jeżerċita oħrajn ġodda.
- 27 Permezz tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115), il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għad-domandi preliminari msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza. Hija ddeċidiet li persuna li kienet ġiet uffiċjalment ipproklamata eletta fil-Parlament Ewropew meta hija kienet is-suġġett ta' miżura ta' tpoġġija taħt detenzjoni provviżorja fil-kuntest ta' proċedura għal reati kriminali serji, iżda li ma kinitx ġiet awtorizzata tikkonforma ruħha ma' ċerti rekwiżiti previsti mid-dritt intern wara tali proklamazzjoni kif ukoll li tmur il-Parlament Ewropew, sabiex tieħu sehem fl-ewwel sessjoni tiegħu, kellha titqies li tgawdi minn immunità bis-saħħa ta' tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din l-immunità timplika t-tneħħija tal-miżura ta' tpoġġija taħt detenzjoni provviżorja sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tmur il-Parlament u hemmhekk tissodisfa l-formalitajiet meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, jekk il-qorti nazzjonali kompetenti kienet tqis li din il-miżura kellha tinżamm wara l-kisba, mill-persuna kkonċernata, tal-kwalità ta' membru tal-Parlament Ewropew, hija għandha titlob malajr kemm jista' jkun lill-Parlament li jneħħi l-imsemmija immunità, abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-istess protokoll.
- 28 Fl-20 ta' Diċembru 2019, Riba i Giner, Membru tal-Parlament Ewropew, fisem l-appellant, ressqet talba ġdida lill-President tal-Parlament sabiex jieħu miżuri urġenti, abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura, sabiex tiġi kkonfermata l-immunità tar-rikorrent (iktar 'il quddiem it-"talba tal-20 ta' Diċembru 2019").
- 29 Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali ddikjarat l-ineliġibbiltà tal-appellant minħabba l-kundanna tiegħu għal piena li ċċaħħad il-libertà permezz tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2019 imsemmija fil-punt 26 ta' din is-sentenza. L-appellant ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema), fejn talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tiegħu.
- 30 Permezz ta' digriet tad-9 ta' Jannar 2020, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) iddeċidiet dwar l-effetti tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115), fir-rigward tal-proċedura kriminali li tikkonċerna lill-appellant. Hija qieset, essenzjalment, li ma kienx hemm lok li tiġi indirizzata lill-Parlament talba għat-tneħħija tal-immunità Parlamentari tal-appellant minħabba, b'mod partikolari, li, meta l-appellant kien ġie pproklammat elett, il-proċeduri kriminali li jikkonċernah kienu ntemmu u d-deliberazzjoni kienet bdiet. Skont it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) sa fejn l-appellant kien kiseb il-kwalità ta' Membru tal-Parlament Ewropew fil-mument li fih il-proċeduri kriminali kienu diġà jinsabu fil-fażi ta' sentenza, huwa ma setax jinvoka immunità sabiex jostakola t-tkomplija ta' dawn il-proċeduri. Fid-dispożittiv tad-digriet tagħha, it-Tribunal Supremo qieset, b'mod partikolari, li ma kienx hemm lok li tawtorizza ċ-ċaqliq tal-appellant għas-sede tal-Parlament, li tawtorizza l-ħelsien

tiegħu, li tiddikjara n-nullità tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2019, u lanqas li tibgħat it-talba ta' tneħħija tal-immunità lill-Parlament. Hija ddeċidiet ukoll li tikkomunika id-digriet tagħha lill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali u lill-Parlament. Fl-istess jum, dik il-qorti, barra minn hekk, iddeċidiet li teżamina t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2020 tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali skont il-proċedura ordinarja u ċaħdet it-talbiet għal miżuri ta' urġenza estrema ppreżentati mill-appellant.

- 31 Fl-10 u fit-13 ta' Jannar 2020, D. Riba i Giner issupplimentat it-talba tal-20 ta' Diċembru 2019, ippreżentata f'isem O. Junqueras i Vies, billi talbet, b'mod partikolari, lill-President tal-Parlament sabiex ma jiddikjarax bħala vakanti s-siġġu tiegħu filwaqt li pproduċiet dokumenti addizzjonali.
- 32 Permezz tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020, il-President tal-Parlament iddikjara, fis-seduta plenarja, li din l-istituzzjoni kienet ser tiegħu nota, l-ewwel, wara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19, EU:C:2019:1115), tal-elezzjoni tal-appellant fil-Parlament b'effett mit-2 ta' Lulju 2019 u, it-tieni, wara d-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar 2020 tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali u tad-digriet tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tad-9 ta' Jannar 2020, huwa ħabbar il-pożizzjoni vakanti tas-siġġu tal-appellant sa mit-3 ta' Jannar 2020.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

- 33 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Jannar 2020, O. Junqueras i Vies talab l-annullament, minn naħa, tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 u, min-naħa l-oħra, taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019.
- 34 Permezz ta' att separat tal-istess jum, flimkien ma' dan l-appell, l-appellant ressaq talba għal miżuri provviżorji abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 u ċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019, u sabiex jitlob lill-President tal-Parlament jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jipproteġi u jagħmel effettivi l-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu u sabiex jipproteġi d-drittijiet fundamentali tiegħu li jeżerċita b'mod sħiħ il-funzjonijiet tiegħu ta' membru tal-Parlament, u sabiex jitlob lir-Renju ta' Spanja jlliberah b'mod immedjat sabiex ikun jista' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' membru tal-Parlament.
- 35 Permezz ta' digriet tat-3 ta' Marzu 2020, Junqueras i Vies vs Il-Parlament (T-24/20 R, mhux ippubblikat, EU:T:2020:78), il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali ċaħad din it-talba għal miżuri provviżorji minħabba li l-kundizzjoni ta' *fumus boni juris* ma kinitx issodisfatta.
- 36 Permezz ta' digriet tat-8 ta' Ottubru 2020, Junqueras i Vies vs Il-Parlament (C-201/20 P(R)), mhux ippubblikat, EU:C:2020:818), il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell ippreżentat mill-appellant kontra dan id-digriet tat-3 ta' Marzu 2020.
- 37 Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Qorti Ġenerali adottat id-digriet appellat, li permezz tiegħu, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma bħala difiża mill-Parlament, hija ċaħdet it-talbiet ta' O. Junqueras i Vies intiżi għall-annullament tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 u taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019 bħala li kienu diretti kontra atti li ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.

- 38 B'mod iktar preċiż, fir-rigward tat-talbiet intiżi għall-annullament tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dawn kienu diretti kontra att purament informattiv mingħajr effett legali fuq is-sitwazzjoni ta' O. Junqueras i Vies, peress li kulma għamlet din id-dikjarazzjoni kienet li tiegħu nota, skont l-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali, tar-revoka tal-mandat tal-persuna kkonċernata li seħħet biss abbażi tad-dritt nazzjonali, wara l-kundanna kriminali tiegħu.
- 39 Fir-rigward tat-talbiet intiżi għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dawn kienu diretti, fl-assenza ta' deċiżjoni espliċita ta' ċaħda, kontra att ineżistenti. Sussidjarjament u fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali qieset li, peress li l-possibbiltà li tittieħed inizjattiva ta' urġenza sabiex tiġi kkonfermata l-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew, miftuħa permezz tal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura, kienet taqa' taħt setgħa diskrezzjonali tal-President tal-Parlament, li teskludi d-dritt li dan tal-aħħar jintalab jiegħu tali inizjattiva, iċ-ċaħda ta' tali talba ma setgħetx titqies bħala att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

- 40 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ġunju 2021, ir-Renju ta' Spanja ġie ammess sabiex jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Parlament.
- 41 Permezz ta' digriet tat-28 ta' Settembru 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad it-talba għal intervent ta' Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres insostenn tat-talbiet ta' O. Junqueras i Vies.
- 42 Permezz tal-appell tiegħu, O. Junqueras i Vies jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tannulla d-digriet appellat;
 - tikkonstata l-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali;
 - tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi dwar il-motivi li fuqhom għadha ma ddeċidietx, u
 - tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż tal-proċedura relatati mal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fil-Kawża T-24/20 u mal-proċedura tal-appell.
- 43 Il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċħad l-appell kollu kemm hu bħala infondat u
 - tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż relatati mal-proċedura ta' appell.

Fuq l-appell

- 44 O. Junqueras i Vies iqajjem erba' aggravji insostenn tal-appell tiegħu. Permezz tal-ewwel sat-tielet aggravju tiegħu, huwa jikkontesta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet tiegħu għall-annullament tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 kienu inammissibbli. Permezz

tar-raba' aggravju tiegħu, huwa jikkontesta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet tiegħu għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019 kienu inammissibbli.

Fuq l-ammissibbiltà

L-argumenti tal-partijiet

- 45 Il-Parlament isostni b'mod prinċipali li l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appell huma inammissibbli minħabba li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u l-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, peress li ma jindikawx b'mod suffiċjentement ċar il-punti tal-motivi kkontestati tad-digriet appellat u l-argumenti legali li fuqhom hija bbażata t-talba tiegħu. Il-Parlament isostni li l-ewwel aggravju tal-appell huwa inammissibbli wkoll sa fejn ma huwiex intiż li jikkontesta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali adottata mill-Qorti Ġenerali, iżda li jikkontesta l-qari tagħha tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tat-3 ta' Jannar 2020, li taq' taħt l-evalwazzjoni tal-fatti jew tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali u ma jaqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.
- 46 L-appellant jikkontesta dawn l-argumenti.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 47 Għalkemm huwa minnu li s-sottomissjonijiet bil-miktub ippreżentati minn O. Junqueras i Vies insostenn tal-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appell jidhru xi kultant konfużi, madankollu għandu jiġi kkonstatat li l-appell jindika l-punti tal-motivi kkritikati tad-digriet appellat, b'mod suffiċjentement preċiż sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi, l-argumenti legali li permezz tagħhom l-appellant jixtieq jikkontesta dawn il-punti.
- 48 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tal-appell, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-argument tiegħu, l-appellant ma jikkontestax l-evalwazzjoni tal-fatti jew l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, iżda l-interpretazzjoni tal-Att Elettorali adottata mill-Qorti Ġenerali.
- 49 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Parlament, l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appell huma ammissibbli.

Fuq l-ewwel sat-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

- 50 L-ewwel sat-tielet aggravji, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, huma, kif indikat fil-punt 44 ta' din is-sentenza, diretti kontra l-motivi tad-digriet appellat li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet ta' O. Junqueras i Vies intiżi għall-annullament tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 kienu inammissibbli.

51 B'mod iktar preċiż, permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jikkritika lill-Qorti Ġenerali peress li ddeċidiet li s-sitwazzjoni tiegħu kellha tiġi analizzata bħala inkompatibbiltà jew revoka tal-mandat, fis-sens tal-Artikolu 7(3) u tal-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali, filwaqt li kellha tiġi analizzata bħala inkompatibbiltà *ex post*, li ma taqa' taħt l-ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-Artikolu 4(7) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprevedi l-każijiet li fihom il-Parlament jista' jirrifjuta li jikkonstata s-siġġu vakanti ta' wieħed mill-membri tiegħu. Fl-aħħar nett, permezz tat-tielet aggravju tiegħu, O. Junqueras i Vies isostni li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, la mill-Artikoli 8 u 12 tal-Att Elettorali u lanqas mill-Artikolu 3(3) tar-Regoli tal-Proċedura ma jirriżulta li l-Parlament ma jistax jikkontesta d-deċiżjoni ta' Stat Membru bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża.

52 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jqisu li dawn l-aggravji għandhom jiġu miċħuda.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

53 Għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Att Elettorali, il-kwalità ta' membru tal-Parlament hija inkompatibbli mal-qadi tad-dmirijiet elenkati f'din id-dispożizzjoni. L-Artikolu 7(3) ta' dan l-att jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu inkompatibbiltajiet addizzjonali billi jestendu l-inkompatibbiltajiet applikabbli fuq il-livell nazzjonali.

54 Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 13 tal-Att Elettorali jirregola l-każijiet li fihom siġġu ta' membru tal-Parlament isir vakanti minħabba r-riżenja, il-mewt jew ir-revoka tal-mandat tad-detentur tiegħu. Skont il-paragrafu 3 tal-istess artikolu, meta r-revoka tal-mandat tkun espressament prevista mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, il-mandat jiskadi bis-saħħa ta' din il-leġiżlazzjoni u l-Parlament jiġi informat b'dan mill-awtoritajiet nazzjonali.

55 Mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li, meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jikkomunikaw lill-President bit-tmiem tal-mandat ta' membru tal-Parlament Ewropew bħala riżultat jew ta' inkompatibbiltà addizzjonali abbażi tal-Artikolu 7(3) tal-Att Elettorali, jew tar-revoka tal-mandat tiegħu, abbażi tal-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali, il-President tal-Parlament għandu jinforma lill-Parlament bil-fatt li l-mandat tal-persuna kkonċernata jkun intemm fid-data kkomunikata mill-awtoritajiet nazzjonali.

56 Fir-rigward, qabelxejn, tal-bażi legali tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020, mill-punti 57 sa 67 tad-digriet appellat jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qieset li l-mandat ta' Membru tal-Parlament Ewropew ta' O. Junqueras i Vies kien intemm minħabba r-revoka tal-mandat tiegħu kif tirriżulta mill-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, skont l-ipoteżi prevista fl-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali. Għalkemm, fil-punti 57 u 58 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali semmiet ukoll l-Artikolu 7(3) tal-Att Elettorali, dan huwa biss minħabba l-fatt li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regoli tal-Proċedura jagħti lok għall-istess konsegwenzi fil-każ tal-eżistenza ta' inkompatibbiltà addizzjonali li taqa' taħt din id-dispożizzjoni u ta' revoka tal-mandat li taqa' taħt l-Artikolu 13(3) ta' dan l-att.

57 B'dan il-mod, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball fir-rigward tal-bażi legali tad-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020. Fil-fatt, indipendentement mit-terminoloġija użata mid-dritt nazzjonali, l-iskadenza tal-mandat ta' Membru tal-Parlament Ewropew, abbażi ta' dan id-dritt, minħabba kundanna kriminali, tikkostitwixxi effettivament każ ta' revoka ta' mandat, fis-sens tal-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Att Elettorali fil-verżjoni inizjali tiegħu, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2005, *Le Pen vs*

- Il-Parlament, C-208/03 P, EU:C:2005:429, punt 49) u mhux inkompatibbiltà, fis-sens tal-Artikolu 7 ta' dan l-att, sakemm ma tirriżultax min-nuqqas ta' ossservanza tal-projbizzjoni ta' okkupazzjoni ta' ċerti funzjonijiet.
- 58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li kisret id-dritt tal-appellant għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jew id-dritt tiegħu għal rimedju effettiv u li ċaħdet il-mandat tiegħu b'mod arbitrarju billi ddeċidiet li d-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 kienet ibbażata fuq l-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali.
- 59 Fir-rigward sussegwentement tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu l-Parlament fir-rigward tal-konsegwenzi li għandhom jinsiltu minn revoka ta' mandat li toriġina mid-dritt nazzjonali, għandu qabel kollox jifakkar li, skont l-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 13(2) TUE, il-Parlament għandu jaġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-mit-Trattati.
- 60 Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li, fl-assenza ta' adozzjoni ta' proċedura elettorali uniformi, il-proċedura dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament tibqa' rregolata, f'kull Stat Membru, mid-dispożizzjonijiet nazzjonali, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att Elettorali, skont l-Artikolu 8 ta' dan l-att.
- 61 Mill-kliem stess tal-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regoli tal-Proċedura jirrużalta li, meta s-siġġu vakanti tal-membru tal-Parlament jirriżulta mir-revoka tal-mandat tiegħu espressament prevista mid-dritt nazzjonali, il-mandat jiskadi biss abbażi ta' dan id-dritt, filwaqt li l-Parlament huwa sempliċement informat mill-awtoritajiet nazzjonali bit-telf mill-persuna kkonċernata tal-kwalità tagħha ta' Membru tal-Parlament Ewropew.
- 62 F'dan il-każ, jirriżulta mil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 12(2) tal-Att Elettorali fil-verżjoni inizjali tiegħu, iżda li tista' tiġi trasposta għall-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali fil-verżjoni inizjali tiegħu applikabbli għat-tilwima, li l-Parlament ma jgawdi minn ebda marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddikjara siġġu vakanti abbażi tad-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2009, L-Italja u Donnici vs Il-Parlament, C-393/07 u C-9/08, EU:C:2009:275, punt 56), peress li r-rwol tiegħu jikkonsisti biss f'li jieħu nota mis-siġġu vakanti diġà kkonstatat mill-awtoritajiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2005, Le Pen vs Il-Parlament, C-208/03 P, EU:C:2005:429, punt 50).
- 63 Fil-fatt, huma l-qrati nazzjonali li huma kompetenti, jekk ikun il-każ wara rinwiju għal deċiżjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, jew lill-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fuq il-bażi tal-Artikolu 258 TFUE, li għandhom jistħarrġu l-konformità mad-dritt tal-Unjoni mal-proċedura prevista mid-dritt nazzjonali li twassal għar-revoka tal-mandat tal-Membru tal-Parlament (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Ottubru 2020, Junqueras i Vies vs Il-Parlament, C-201/20 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2020:818, punt 66).
- 64 Il-fatt li, b'differenza mill-Att Elettorali fil-verżjoni inizjali tiegħu, l-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima ma jużax il-kliem "jieħu nota" ma jistax jikkontesta l-analiżi preċedenti, peress li mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll mill-analiżi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li, fil-każ ta' revoka tal-mandat espressament prevista mid-dritt nazzjonali, il-Parlament huwa biss informat, mill-awtoritajiet nazzjonali, bl-iskadenza tal-mandat b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali.

- 65 Għall-kuntrarju, il-Parlament għandu rwol iktar attiv meta l-iskadenza tal-mandat tirriżulta mir-riżenja jew mill-mewt ta' wieħed mill-membri tiegħu, f'liema każijiet, skont l-Artikolu 13(4) tal-Att Elettorali, hija din l-istituzzjoni li għandha tikkonstata hija stess is-siġġu vakanti u li tinforma lill-awtoritajiet nazzjonali dwar dan ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2005, *Le Pen vs Il-Parlament*, C-208/03 P, EU:C:2005:429, punt 50).
- 66 F'dan il-kuntest, il-possibbiltà tal-Parlament li jirrifjuta li jikkonstata s-siġġu vakanti ta' wieħed mill-membri tiegħu fil-każ ta' ineżattezza materjali jew ta' difett tal-kunsens, prevista fl-Artikolu 4(7) tar-Regoli tal-Proċedura, fi kwalunkwe każ ma tistax tiġi eżerċitata fil-każijiet fejn il-Parlament ma jkollux fl-ewwel lok is-setgħa li jikkonstata tali siġġu vakanti. Issa, kif ġie indikat fil-punt 62 ta' din is-sentenza, il-Parlament ma għandux tali setgħa meta s-siġġu vakanti jirriżulta minn revoka ta' mandat taħt l-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali.
- 67 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li r-Regoli tal-Proċedura huma att ta' organizzazzjoni interna li ma jistgħux, mingħajr ma tinkiser il-ġerarkija tar-regoli, jagħti lill-Parlament kompetenzi li ma humiex irrikonoxxuti lil minn att leġiżlattiv, f'dan il-każ mill-Att Elettorali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2009, *L-Italja u Donnici vs Il-Parlament*, C-393/07 u C-9/08, EU:C:2009:275, punti 47 u 48).
- 68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, huwa, fi kwalunkwe każ, mingħajr ebda żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li din l-istituzzjoni ma setgħetx tuża l-possibbiltà prevista fl-Artikolu 4(7) tar-Regoli tal-Proċedura sabiex tirrifjuta li tikkonstata s-siġġu vakanti ta' O. Junqueras i Vies.
- 69 Din l-analiżi hija, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 60 tad-digriet appellat, sostnuta mill-formulazzjoni tal-Artikoli 8 u 12 tal-Att Elettorali kif ukoll tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli tal-Proċedura, li jfakkru li l-proċedura elettoralis tibqa' rregolata mid-dritt nazzjonali u li jispeċifikaw li l-Parlament għandu biss is-setgħa li jiddeċiedi fuq il-kontestazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-Att Elettorali, bl-esklużjoni ta' dawk dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali.
- 70 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-kliem "proċedura elettoralis", li jinsabu fl-Artikolu 8(1) tal-Att Elettorali, ma jindikawx biss ir-regoli tal-vot u ta' għoti tal-mandati iżda wkoll, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, ir-regoli ta' eliġibbiltà tal-Membri tal-Parlament. Minn dan isegwi li l-ineliġibbiltà li wasslet għar-revoka ta' mandat ta' O. Junqueras i Vies b'applikazzjoni tal-Liġi Elettorali Spanjola taqa', kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, taħt il-"proċedura elettoralis" irregolata mid-dritt nazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tal-Att Elettorali, li ma huwiex il-Parlament li għandu jistħarreġ l-osservanza tiegħu.
- 71 Fl-aħħar nett, l-eċċezzjoni ta' illegalità invokata sussidjarjament mill-appellant fil-konfront tal-Artikolu 13(3) tal-Att Elettorali u tal-Artikolu 4(7) tar-Regoli tal-Proċedura għandha, min-naħa tagħha, tiġi miċħuda bħala inammissibbli, peress li ġiet invokata għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2020, *Marine Harvest vs Il-Kummissjoni*, C-10/18 P, EU:C:2020:149, punti 124 sa 126).
- 72 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, peress li d-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 hija ta' natura purament informattiva u għalhekk ma tipproduċix effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tal-appellant, bit-tibdil b'mod sinjifikattiv

tas-sitwazzjoni legali tiegħu, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li t-talbiet ta' O. Junqueras i Vies intiżi għall-annullament ta' din id-dikjarazzjoni kienu diretti kontra att li ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.

73 Minn dan isegwi li l-ewwel sat-tielet aggravju tal-appell għandhom jiġu miċħuda.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

74 Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, O. Junqueras i Vies jikkontesta l-motivi li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli t-talbiet tiegħu intiżi għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019. Huwa jilmenta li l-Qorti Ġenerali vvizzjat id-digriet appellat bi żball ta' liġi meta ddeċidiet li inizjattiva tal-President tal-Parlament meħuda abbażi tal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura ma kinitx ta' natura vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u ma kienet tipproduċi ebda effett fuq is-sitwazzjoni legali tal-Membru tal-Parlament Ewropew ikkonċernat.

75 Il-Parlament u r-Renju ta' Spanja jqisu li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

76 Mill-punti 103 sa 106 tad-digriet appellat jirriżulta li, sabiex it-talbiet għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019 jiġu miċħuda bħala inammissibbli, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha prinċipalment fuq il-fatt li, fin-nuqqas ta' risposta espressa mill-President tal-Parlament għal din it-talba u fl-assenza ta' dispożizzjonijiet jew ta' ċirkustanzi speċifiċi li jippermettu li tiġi kkaratterizzata t-tnissil ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda, dawn it-talbiet kienu diretti kontra att ineżistenti. Huwa biss għall-finijiet ta' kompletezza li l-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punti 107 sa 137 tad-digriet appellat, li, anki jekk jiġi preżunt li d-dikjarazzjoni tat-13 ta' Jannar 2020 tiżvela l-eżistenza ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019, it-talbiet tal-appellant intiżi għall-annullament ta' din id-deċiżjoni għandhom xorta waħda jiġu miċħuda bħala inammissibbli, għaliex indirizzati kontra att li ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, b'differenza minn tweġiba mogħtija għal talba għad-difiża tal-privileġġi u immunitajiet imressqa abbażi tal-Artikolu 9 tar-Regoli tal-Proċedura, it-teħid ta' inizjattiva sabiex jiġu kkonfermati l-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru Parlamentari Ewropew abbażi tal-Artikolu 8(1) ta' dawn ir-regoli jirriżulta minn setgħa diskrezzjonali tal-President tal-Parlament u, għaldaqstant, ma għandu ebda natura vinkolanti għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lanqas ma għandu ebda effett ġuridiku fuq is-sitwazzjoni tal-Membru tal-Parlament ikkonċernat.

77 Fir-rigward tar-raġunijiet adottati prinċipalment mill-Qorti Ġenerali, l-appellant sempliċement isemmi l-kronoloġija tal-fatti preċedenti għat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019, mingħajr ma jispjega kif din il-kronoloġija għandha twassal sabiex jiġi kkunsidrat li s-silenzju tal-President tal-Parlament dwar din it-talba wassal għal deċiżjoni impliċita ta' ċaħda. Tali argument għandu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jitqies bħala inammissibbli. Huwa ma jippermettix li tiġi kkontestata l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li r-rikors ippreżentat mill-appellant għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tal-20 ta' Diċembru 2019 kien dirett kontra att ineżistenti.

- 78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument żviluppat għall-kumpliment minn O. Junqueras i Vies insostenn tar-raba' aggravju, li huwa dirett kontra l-motivi kkunsidrati sussidjarjament mill-Qorti Ġenerali fil-punti 107 sa 137 tad-digriet appellat, għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.
- 79 Minn dan isegwi li r-raba' aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud u li l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

- 80 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.
- 81 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li ttitlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.
- 82 Peress li l-appellant tilef l-aggravji tiegħu u l-Parlament talab li dan jiġi kkundannat għall-ispejjeż, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż rispettivi tiegħu, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Parlament.
- 83 Konformement mal-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn l-istess regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jintervjenu fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Konsegwentement, ir-Renju ta' Spanja, intervenjent fil-kuntest ta' dan l-appell, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-appell huwa miċħud.**
- 2) Oriol Junqueras i Vies għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.**
- 3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.**

Firem